**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Busuttil**

**Vs**

**Carmela Soliman**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Carmela Soliman bint Alfred u Helen Johnson mwielda fil-21 t'April 1951 gewwa Santa Venera residenti 38, Triq Lapsi, San Giljan, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 370051M;

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Gunju 2015 u fil-gimghat ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bl-imgieba taghha ikkagunat lil Antonella Agius ID: 157296M, Joanne Agius ID: 467194M, Daniela Agius ID: 249892M u Mary Lourdes Farrugia ID: 323663M il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9;

2) Aktar talli fl-istess cirkostanzi taghat fastidju lil Antonella Agius ID: 157296M, Joanne Agius ID: 467194M, Daniela Agius ID: 249892M u Mary Lourdes Farrugia ID: 323663M meta kienet taf jew missha kienet taf li l-ghagir taghha kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna, liema persuna hija msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9;

3) Aktar talli fid-19 ta' Gunju 2015 ghall-habta tad-9:00am f'post pubbliku jew accessibli ghall-pubbliku ghidt kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta attentat mill-imputata biex tinfluwixxi fuq xhieda f'kawza kriminali fejn kien involut u akkuzat ir-ragel taghha. Ix-xhieda in kwistjoni huma kollha parenti taghha, u mill-provi rrisulta li hi kemm-il darba kellmithom biex huma ma jixhdux kontra r-ragel taghha. Ma rrisultax li b'dawk it-telefonati u diskors li qalet kien hemm l-estremi tal-Artikolu 251B, u cioe' li b'dak l-agir taghha setghet tinduci fix-xhieda jew tikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom. Ma kien hemm ebda "course of conduct" tal-imputata li mxiet b'mod vjolenti kontrihom, izda ghal dak li jirrigwarda fastidju taht l-Artikolu 251A tal-Kap 9, dan gie ampjament ippruvat. Bhala piena, il-Qorti ser tesercita temperament, filwaqt li tassigura li ma jergax ikun hemm tentattiv iehor ta' intralc ta' provi f'proceduri gudizzjarji.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 251B(1) u 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni, u ghalhekk tilliberaha minnha.

Issibha hatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, u minn flok tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, favur Antonella Agius, Joanne Agius, Daniela Agius, u Mary Lourdes Farrugia, ghall-perjodu ta' tlitt snin millum.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**